MALTA

# QORTI KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**LAWRENCE QUINTANO**

Seduta tat-13 ta' April, 2011

Numru 19/2009

**Ir-Repubblika ta’ Malta**
**Vs**
**Joseph Azzopardi**

Il-Qorti,

Rat l-Att tal-Akkuża numru 19 tas-sena 2009 kontra l-akkużat Joseph Azzopardi, li bih huwa ġie akkużat talli:

1. Wara li l-Avukat Ġenerali ppremetta fl-Ewwel Kap illi Joseph Azzopardi kien mithla sew hafna ta’ Therese Agius u fil-fatt kien jakkumpanjha l- Gzira fi sfond ta’ prostituzzjoni u droga. Illi fil-lejl ta’ bejn l-ewwel (1) u t-tnejn (2) ta’ Ottubru tal-elf disa mija u disa u disghin (1999) fil-Gzira Joseph Azzopardi injetta d-droga eroina f’Therese Agius u dan bil- hsieb li joqtol jew iqieghed il-hajja tagha f’periklu car. Illi Therese Agius b’risultat ta’ dan l-agir illegali mietet. Illi wara hu rema il-katavru il-bahar.

Illi b'ghemilu l-imsemmi Joseph Azzopardi sar hati t'omicidju volontarju u cioe` talli dolozament bil-hsieb li joqtol persuna jew li jqieghed il-hajja taghha f'perikolu car, ikkagunalha l-mewt.

Ghaldaqstant l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi akkuza lil Joseph Azzopardi hati ta' omicidju volontarju u cioe` talli dolozament, bil-hsieb li joqtol persuna jew li jqieghed il-hajja taghha f'perikolu car, ikkagunalha l-mewt;

Talab illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat u illi huwa jigi kkundannat ghall-piena ta' prigunerija ghall-ghomru skond dak li hemm u jintqal fl-Artikolu 211(l)(2), u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-ligi tinghata ghall-htija tal-imsemmi akkuzat.

2. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fit-Tieni Kap illi fiz-zmien u taht ic-cirkustanzi indikati fl-ewwel kap tal-att tal-Akkuza u cioe` fil-lejl ta' bejn l-1 ta' Ottubru u t-2 ta' Ottubru 1999 gol-Gzira Joseph Azzopardi ta u injetta d-droga eroina illegalment lil Therese Agius u ikkagunalha l-mewt.

Id-droga herojina msemmija hija droga specifikata fl-ewwel Taqsima tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi. Illi l-imsemmi Joseph Azzopardi la kellu licenzja mill-President ta' Malta ghall-eghmil tieghu u anqas kien awtorizzat bir-Regoli tal-1939 ghall-kontroll Intern tal-Medicini Perikoluzi jew minn xi awtorita' moghtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga msemmija. Inoltre Joseph Azzopardi ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI tal-Ordinanza msemmija u ma kellux licenzja u anqas kien xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija. L-istess Joseph Azzopardi ma kellux licenzja li jipprokura l-istess droga.

Illi b'ghemilu, l-imsemmi Joseph Azzopardi sar hati talli forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga herojina specifikata fl-ewwel Taqsima tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap.101) lil persuna jew ghal xi persuna minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta u minghajr ma kien awtorizzat bir-Regoli tal-1939 ghall- kontroll Intern tal-Medicini Perikoluzi jew minn xi awtorita' moghtija mill- President ta' Malta li jforni d-droga msemmija u minghajr ma kien fil- pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat- Taqsima VI tal-Ordinanza msemmija u minghajr ma kellu licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga.

Ghaldaqstant, l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi akkuza lill- imsemmi Joseph Azzopardi hati talli forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga herojina specifikata fl-ewwel Taqsima tal- Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap.101) lil persuna jew ghal xi persuna minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta u minghajr ma kien awtorizzat bir-Regoli tal-1939 ghall-kontroll Intern tal- Medicini Perikoluzi jew minn xi awtorita' moghtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga msemmija u minghajr ma kien fil-possess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit- Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI tal- Ordinanza msemmija u minghajr ma kellu licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga.

Talab illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat u li jigi ikkundannat ghal piena ta' prigunerija ghal ghomru u multa ta' mhux inqas minn elfejn, tlett mija u disa u ghoxrin euro u seba u tletin centezmi(€2329.37) u mhux aktar minn mija u sittax –il elf, erba' mija u tmienja u sittin euro u sebgha u

sittin centezmi (€116,468.67) u l- konfiska favur il-Gvern tal-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l- konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes jew proprjeta` mobbli u immobbli ohra tal-persuna hekk misjuba hatja, anke jekk tali flus u proprjeta` tkun ghaddiet ghand terzi persuni, u anke jekk l-imsemmija flejjes, proprjeta` mobbli jew proprjeta` immobbli jkunu qeghdin f'xi post barra minn Malta, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 9, 10(1), 12, 14(1)(5), 20, 22(1)(a)(2)(a)(i)(ii), 22(2)(b)(i) u 26 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap.101) u r-regoli 4 u 9 tar-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tal-Medicini Perikoluzi (G.N.292/39) u fl-artikoli 17(b), 20, 22, 23, u 533 tal-Kodici Kriminali, jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-liġi tingħata għall-htija tal-imsemmi akkużat.

Rat l-atti kollha proċesswali, inklużi l-atti tal-kumpilazzjoni.

Rat il-verdett tal-ġurati tal-bieraħ 12 t'April, 2011 li bih, bi 8 voti favur u b' 1 (wieħed) kontra, sabu lill-akkużat **ħati** skond l-ewwel Kap tal-Att tal-Akkuża u **ħati** b 8 Voti favur u b' 1 kontra tat-Tieni Kap ta' l-Att ta' l-Akkuża

Tiddikjara għalhekk lil Joseph Azzopardi hati talli

1. fil-lejl ta' bejn l-1 ta' Ottubru 1999 u t-2 ta' Ottubru, 1999, fil-Gzira, dolozament, bil-hsieb li joqtol persuna jew li jqieghed il-hajja taghha f'perikolu car, ikkagunalha l-mewt u dan skond l-Ewwel Kap tal-Akkuża.

2. fil-lejl ta' bejn l-1 ta' Ottubru 1999 u t-2 ta' Ottubru, 1999, fil-Gzira, forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga herojina specifikata fl-ewwel Taqsima tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap.101) lil persuna jew ghal xi persuna minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta u minghajr ma kien awtorizzat bir-Regoli tal-1939 ghall-kontroll Intern tal-Medicini Perikoluzi jew minn xi awtorita' moghtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga msemmija u minghajr ma kien fil-possess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall- esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id- disposizzjonijiet tat-Taqsima VI tal-Ordinanza msemmija u minghajr ma

kellu licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d- droga msemmija u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga u dana skond it-Tieni Kap tal-Att tal-Akkuza.

Rat il-fedina penali aggornata tal-hati esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti w eżaminata mid-difiza.

Qieset is-sottomissjonijiet tal-abbli difensur Dr. Malcolm Mifsud, li jinsabu kollha registrati u li senjatament huma s-segwenti:-

(1) Li l-ħati huwa stess huwa dipendenti mid-droga u li huwa kien qed jgħix f'ambjent fejn kulħadd kien qed jabbuża mid-droga;

(2) Illi l-Qorti għandha tikkonsidra jekk il-ħati għandux jibbenefika mill-artikolu 29 tal-Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta stante li fir-raba' stqarrija tiegħu l-akkużat kixef il-persuna minn għand min huwa kien xtara d-droga u li l-Pulizija (dak iż-żmien) kienu liberu li jressqu tali persuna;

(3) Illi l-fedina penali hija dik li hi iżda li f'dan il-proċess l-akkużat ma kellux jirrispondi għall-addebitu tar-reċidiva;

(4) Illi l-ammont ta' traffikar kien żgħir;

(5) Illi l-każ beda f'Otturbu tas-sena 1999 u għalhekk biex wasal sa llum għaddew 11-il sena u 6 xhur.

Il-Prosekuzzjoni min-naħa l-oħra rremmettiet ruħha għal dak li tiddiċiedi l-Qorti

Ikkonsidrat

L-ewwelnett li ħareġ b'mod ċar matul il-proċess l-ambjent li fih kien qed jgħix l-akkużat.

It-tieni, il-Qorti fliet sew dak li qal fir-raba' stqarrija tiegħu l-akkużat iżda mhix f'pożizzjoni li tapplika l-artikolu 29 tal-Kap 101.

It-tielet, li huwa tassew li l-akkużat ma kellux għalfejn jirrispondi għall-addebitu tar-reċidiva.

Ir-raba', li tassew li l-ammont ta' eroina kien żgħir iżda meta kien ittraffikat spiċċa fil-mewt ta' persuna.

Il-ħames, illi l-abbli difensur huwa korrett dwar iż-żmien li ħadu l-proċeduri u l-Qorti ser tqis dan il-fattur fil-kumputazzjoni tal-piena.

Min-naħa l-oħra, il-Qorti qed ukoll tqis il-vot għoli ta' 8 – 1 tal-ġurija u tas-serjeta' tal-każ u tal-Kapi li tagħhom instab ħati l-akkużat.

Fil-fehma ta' din il-Qorti għandu jkun applikat l-artikolu 17(h) tal-Kap 9 li jiddisponi hekk:

*'(h) meta żewġ reati jew iżjed, li flimkien ma jagħmlux delitt ikkwalifikat, iservu bħala mezz biex isir reat ieħor, sew ikkwalifikat jew sempliċi, għandha tingħata l-piena għar-reat l-aktar gravi.'*

**Konklużjoni.**

Għaldaqstant, wara li qieset dan kollu, inklużi kull sottomissjoni tad-difiża, il-Qorti, wara li rat l-artikoli 9, 10(1), 12, 14(1)(5), 20, 22(1)(a)(2)(a)(i)(ii), 22(2)(b)(i) u 26 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101) u r-regolamenti 4 u 9 tar-Regoli tal-1939 għall-Kontroll Intern tal-Medicini Perikoluzi (G.N. 292/39) u fl-artikoli 17(h), 20, 22, 23, 211(1)(2) u 533 tal-Kodici Kriminali (Kap 9) , kif ukoll it-tul ta' żmien li ħadu dawn il-proċeduri, qed tikkundanna lill-ħati Joseph Azzopardi għall-piena ta' disgħa u għoxrin (29) sena priġunerija.

Dwar l-applikazzjoni tal-artikolu 533 tal-Kap 9, il-Qorti qed timxi mal-każistika li kienet viġenti sas-16 ta' Jannar 2006 meta l-Liġi kienet emendata. Qabel din l-emenda, spejjeż

dwar ħatriet ta' esperti matul l-inkjesta ma kinux suġġetti għall-ħlas. Peress li din il-pożizzjoni kienet aktar favorevoli għall-akkużat, il-Qorti sejra tapplika l-artikolu 27 tal-Kap 9. Għalhekk mhix tikkundanna lill-akkużat biex iħallas xi spejjeż li kienu saru għall-ħatriet ta' esperti magħmula matul l-inkjesta li saret fl-1999. L-akkużat m'għandux iħallas għall-ħatriet ta' interpreti u dan in linea mad-Deċiżjonijiet tal-Qorti Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem.

Tordna wkoll il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' kull flejjes jew proprjeta' mobbli w immobbli oħra tal-ħati;

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------